**23 ta' Marzu, 1984**

**Imhallef:-**

**Onor. Victor Borg Costanzi LL.D.**

Dottor Frank Xavier Vassallo

*versus*

*Gaetana armla ta' Giuseppe Cilia*

**Appell - Ritwalità ta'**

*Ġie ddikjarat ritwali appell minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati għaliex minkejja li, kif kien dak iż-żmien, il-valur kien anqas minn Lm10, kien involut punt ta' dritt deċiż mill-Ewwel Qorti.*

Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni pprezentata fis-16 ta' Ġunju, 1981, quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta li biha Dottor Frank X. Vassallo ħarrek lil Gaetana Cilia biex tidher quddiem l-istess Qorti u hemm tgħid għaliex ma kellhiex tiġi kkundannata li minnufih tagħti lill-attur ċavetta tal-fond 81, Triq is-Santwarju, Ħaż Żabbar, biex l-istess attur ikun jista' jagħmel użu mill-parti ta' dana l-fond mingħajr ostakolu, kif imħolli fit-testment ta' Ludgarda Vella, bl-ispejjeż u b'riserva għall-azzjoni għad-danni. Għall-fini tal-kompetenza, l-attur iddikjara li l-kera tal-fond huwa Lm5 fis-sena;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet ipprezentata mill-imsemmija Gaetana Cilia fit-2 ta' Settembru, 1981, fejn hija allegat illi t-talba ta' l-attur kienet infondata fil-fatt u fil-liġi stante li kien l-istess attur li abbanduna l-lokazzjoni tal-fond u li l-attur ma baqax iħallas kera sa minn għoxrin sena qabel ma bdiet il-kawża;

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fl-4 ta' Novembru, 1982, fejn ġiet miċħuda t-talba ta' l-attur bl-ispejjeż kontra tiegħu, wara li dik il-Qorti kkunsidrat, fost ħwejjeġ oħra, illi "l-attur kien qiegħed jintenta l-istanza fuq disposizzjoni testamentarja imħolli lilu minn Ludgarda Vella, It-testment esebit mill-attur iżda, ossia estratt tiegħu, mhuwiex ta' Ludgarda Vella iżda ta' Ludgarda armla ta' Giuseppe Briffa. Barra minn dan it-testment in atti tan-Nutar Dottor Joseph Vella

Gatea, tas-27 ta' Ottubru, 1951, ma ġie esebit ebda testment ieħor. Għaldaqstant, *kif inħija mposta ċ-ċitazzjoni attriċi, bi żball jew le, ma tistax tiġi akkolta.* U dan apparti minn kwalsiasi konsiderazzjonijiet oħra in meritu;

Rat in-nota ta' appell ippreżentata mill-attur fil-5 ta' Novembru, 1982 u l-petizzjoni tiegħu ta' l-10 ta' Novembru, 1982, fejn huwa talab li dina l-Qorti tirrevoka s-sentenza fuq imsemmija u tilqa' t-talba magħmula minnu bl-ispejjeż;

Rat ir-risposta ppreżentata minn Gaetano Cilia fit-22 ta' Novembru, 1980, fejn ġiet eċċepita l-inappellabilità tas-sentena a bażi ta' dak li hemm dispost fl-artikolu 226 (2) tal-Kodiċi ta' *Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u fil-meritu, fejn ġiet* mitluba l-konferma ta' l-istess;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti hemm esebiti;

Semgħet it-trattazzjoni ta' l-Avukat Frank X. Vassallo u dik ta' l-Avukat John Laferla għall-appellata;

Ikkunsidrat dwar il-preġudizzjali ta' l-inappellabilità tas-sentenza; l-appellata issostni li l-valur *in lite* ma jeċċedix Lm10 u li fis-sentenza ma ġie maqtugħ ebda punt ta' liġi u għalhekk ma kienx mitfuħ appell minnha. Mill-banda l-oħra, l-appellant jissottometti illi l-kwistjoni kienet kollha fuq punt ta' liġi maqtugħ fis-sentenza u li għalhekk seta' jsir appell minnha;

Illi l-fatti rilevanti huma dawna li ġejjin u ċjoè:

L-appellant qiegħed jitlob iċ-ċwievet ta' parti mill-fond imsemmi fl-avviż li huwa allega li kien qiegħed jikri mingħand terzi bil-kera ta' Lm5 fis-sena;

L-appellata eċċepiet li Dr. Frank X. Vassallo kien iddekada mil-lokazzjoni tant li huwa waqaf milli jħallas kera sa minn għoxrin sena qabel ma nbdiet il-kawża.

Fiċ-ċitazzjoni Dottor Frank X. Vassallo talab li l-konvenuta tiġi kkundannata tikkonsenjalu ċavetta tal-fond u jkompli jgħid "sabiex ikun jista' jagħmel użu mill-parti ta' dana l-fond mingħajr ostakolu, kif imħolli mit-testment ta' Ludgard Vella ...";

Id-disposizzjoni testamentarja li għaliha jirreferixxi l-attur appellant hija dik ta' l-artikolu sitta tat-testment, tas-sebgħa u għoxrin ta' Ottubru, 1951, ippubblikat min-Nutar Dottor Joseph Vella Galea u tgħid hekk: "It-testatriċi qegħda tħalli b'titolu ta' legat a favur ta' Salvatore Briffa ... (*omissis*) l-użu u l-użufrutt tad-dar li qegħda numri 79 u 81, Triq is-Santwarju, (Ħaż Żabbar ... *omissis*); dana l-legat imsemmi f'dana l-artikolu sitta għandu jibqa' soġġett għall-kundizzjoni li l-kamra laterali ta' l-imsemmija dar għandha tibqa' lokata u mikrija lill-Perillustri Avukat Dottor Frank Xavier Vassallo bl-istess kera kif inhi mikrija lilu attwalment". Dan kien it-testment ta' Ludgarda armla ta' Giuseppe Briffa, bint il-mejjet Giuseppe Vella; il-kopja tiegħu ġiet esebita mill-attur appellant li indikat fin-nota tiegħu bħala t-testment ta' Ludgarda Vella;

Għal xi raġuni mhux magħrufa l-appellant kull darba li jirreferixxi għal Ludgarda Briffa isemmilha l-kunjomha ta' xbubitha, jiġifieri Vella; dan jidher miċ-ċitazzjoni, min-nota mix-xhieda tiegħu (darbtejn), u min-nota ta' l-osservazzjonijiet (ara fol. 1, 12 u 18 tal-proċess); l-appellata għall-inqas tagħti isimha korrettement;

Il-kumpless tal-provi juri li l-Ewwel Qorti kellha xiehda biżżejjed biex jiġi identifikat il-fond li fuqu kienet qegħda ssir

il-kontestazzjoni u ċjoè l-fond imsemmi minn Ludgarda Briffa fit-testment indikat u li tiegħu l-attur kien jippretendi l-lokazzjoni u l-pussess u li l-konvenuta kienet qegħda tinnegalu d-dritt minnu vantat u l-pretensjoni tiegħu għall-pussess, u li kien, fi kliem ieħor, il-fond li fuqu saret il-kawża:

Ikkunsidrat:

Illi t-talba ta' l-attur magħmula fiċ-ċitazzjoni, setgħet toqgħod perfettament mingħajr l-użu tal-kliem "sabiex ikun jista' jagħmel użu mill-parti ta' dana l-fond mingħajr ostakolu, kif imħolli fit-testment ta' Ludgarda Vella"; għaliex dana l-kliem kien jgħin sempliċement biex tiġi magħrufa aħjar il-pretensjoni ta' l-attur u ma kellu ebda rilevanza għall-vertenza li kienet qegħda tiġi introdotta quddiem l-Ewwel Qorti; għalhekk meta dik il-Qorti waslet għall-konklużjoni li "kif impostata ċ-ċitazzjoni ta' l-attur, bi żball jew le, ma tistax tiġi akkolta", kienet qiegħda tibbaża dina l-konklużjoni fuq aspetti li ma kinux jirrigwardaw il-veru meritu tal-kawża u s-sustanza tiegħu, iżda biss aspetti aġġettivoli. Ir-referenza għall-oriġini tat-titolu li l-attur kien qiegħed jippretendi fuq il-fond *de quo* kienet żbaljata, iżda bir-referenza skorretta b'kollox, kulħadd kien jaf dak li ried jintendi l-attur. Dana l-istat ta' fatt, li pperdura matul l-istadji kollha tal-proċess quddiem l-Ewwel Qorti ma setax jiġi, kif fil-fatt ġie, skartat u mneħħi minn quddiem għajnejn il-ġudikant tant faċilment:

Fl-aħħarnett jibqa' biex jiġi eżaminat jekk dina kinitx kwistjoni dwar punt ta' liġi maqtugħa fis-sentenza msemmija, għaliex f'każ affermattiv biss dina s-sentena jkun jista' ssir appell minnha lil dina l-Qorti, minħabba dak li jiddisponi l-artikolu 226 (2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-kwistjoni jekk il-Qorti ta' l-ewwel istanza setgħetx qatt tasal biex tilqa' t-talba ta' l-attur kif

impustata, li ġiet issollevata mill-konvenuta (ara p.e. nota a fol. 27 tal-proċess) bix-xejra stess li ħadet il-kontestazzjoni quddiem l-imsemmija Qorti fuqu, ħarget tispikka mhux sempliċement bħala waħda relatata għall-kwistjoni ta' fatt u apprezzament ta' fatt, iżda waħda ta' natura essenzjalment legali;

Minn dana jidher illi ma jissussistix l-ostakolu msemmi fl-artikolu 226 (2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, għall-appell magħmul mill-imsemmi Avukat Frank X. Vassallo bil-petizzjoni tiegħu ta' l-10 ta' Novembru, 1982;

Għaldaqstant il-Qorti tiddeċidi illi għalkemm il-valur tat-talba attriċi huwa anqas minn Lm10, il-kwistjoni fil-kawża msemmija hija waħda dwar punt ta' liġi li ġie maqtugħ bis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta fl-4 ta' Novembru, 1982 u għalhekk hemm appell minnha miftuħ għal imsemmi Avukat Vassallo; l-ispejjeż dwar dina l-vertenza jibqgħu riservati għall-ġudizzju finali;

Il-kawża tibqa' differita għall-15 ta' Mejju, 1984, għall-kontinwazzjoni.